MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1128/2009

***Comino Holdings Limited***

***versus***

***Kemmuna Limited***

1. Dan il-provvediment huwa dwar deżerzjoni ta’ kawża. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Ir-rikors maħluf ġie preżentat fit-18 ta’ Novembru 2009. B’dikriet tas-17 ta’ Diċembru 2009[1] il-qorti ordnat lis-soċjetà attriċi tippreżenta xi dokumenti u ordnat ukoll illi, wara li jinġiebu dawk id-dokumenti, l-atti jiġu notifikati lill-konvenuta. Billi sat-23 ta’ Frar 2010[2] l-attriċi kienet għadha ma għamlet xejn, il-qorti b’dikriet ta’ dakinhar

[1] *Fol.* 24.

[2] *Fol.* 25.

stidnitha biex, jekk għandha interess fil-kawża, timxi minnufih kif ried l-ewwel dikriet.

3. L-attriċi ippreżentat id-dokumenti fil-11 ta' Marzu 2010 iżda ma innotifikatx lill-konvenuta. Billi sat-8 ta' Ottubru 2010 in-notifika tar-rikors maħluf kienet għadha ma saritx, il-qorti b'dikriet mogħti dakinhar[3] għall-għanijiet tal-art. 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili stiednet lill-attriċi tieħu ħsieb li ssir in-notifika. Sal-20 ta' Jannar 2011 in-notifika kienet għadha ma saritx – u, minħabba f'hekk, il-proċedura bil-miktub għadha ma ngħalqitx – u għalhekk b'dikriet mogħti dikinhar[4] il-qorti ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista tad-9 ta' Frar 2011 sabiex jingħata dikriet ta' deżerzjoni.

4. B'rikors tal-1 ta' Frar 2011[5] is-soċjetà attriċi talbet illi flok dikriet ta' deżerzjoni tingħata ordni biex issir notifika lill-konvenuta.

5. L-art. 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi, jekk ikun għadda ż-żmien perentorju ta' sitt xhur mill-preżentata tar-rikors maħluf bla ma tkun ingħalqet il-proċedura bil-miktub tal-kawża, il-qorti għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f 'xi nuqqas ta' notifika.

6. L-ordni li trid il-liġi ngħata bid-dikriet tat-8 ta' Ottubru 2001 u, billi l-liġi trid illi jingħata darba waħda biss, ma jistax jingħata għal darba oħra.

7. Billi l-proċeduri bil-miktub għadhom ma ngħalqux fiż-żmien perentorju li trid il-liġi, il-qorti tiddikjara d-deżerzjoni tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] *Fol.* 335.

[4] *Fol.* 337,

[5] *Fol.* 340.